A.L. 46 ta' l-2003

ATT TA' L-2000 LI JEMENDA L-ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (ATT NRU. XXVI TA' L-2000)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1 (2) ta' l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Att dwar l-affarijiet tal-Konsumatur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att li jemenda", il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi stabbilixxa t-28 ta' Jannar, 2003 bħala d-data meta l-artikoli 56 sa 71 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap 378, kif miżjuda bl-artikolu 15 ta' l-Att li jemenda, għandhom jidħlu fis-seħħ.